MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Numru. 629/2008

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cachia)
vs
Conrad Galea, iben Joseph, imwieled Qormi fit-8 ta' Novembru, 1983, Karta ta' l-Identita numru 17784(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
a. talli fis-17 ta' Lulju, 2008 għal ħabta tas-2.00 a.m. ġewwa Triq San Bastjan, Qormi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ġemgħa nies f'perikolu ċar, iżda bil-ħsieb li jikkometti ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess nies, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, cioe' billi saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LGY 475 direttament għal fuq ġemgħa

ta' nies, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Paul Borg, skont kif iċċertifika Dr. Thomas Armatis mill-Casualty ta' l-Isptar Mater Dei;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' l-għamla Peugeot 607, bin-numru tar-reġistrazzjoni LGY 475, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;
d. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' l-għamla Peugeot 607, bin-numru tar-reġistrazzjoni LGY 475, bi speed eċċessiv;
e. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser sinjali li juru li mhemmx dħul;
f. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hedded lil Paul Borg bi kliem;
g. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra l-persuna ta' Paul Borg;
h. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, qal kliem oxen fil-pubbliku;
i. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
j. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jjistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba, li apparti l-piena skont il-liġi, tiskwalifika lill-imputat Conrad Galea milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba, li f'każ ta' ħtija, tipprovdi skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' Paul Borg.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-17 ta’ Lulju, 2008 għal ħabta ta’ nofs il-lejl u għoxrin minuta (0020) il-pulizija ta’ Ħal-Qormi ġiet infurmata li karozza saqet għal fuq in-nies. Dak in-nhar kienet il-festa ta’ San Bastjan u il-marċ kienu għadu kif spiċċa u din il-vettura daħlet ġol-pjazza ta’ San Bastjan fejn kien għad hemm in-nies.

Illi meta l-pulizija marru fuq il-post il-karozza ma kinitx hemm. Xi nies qalu li l-vettura in kwistjoni kienet tal-marka Peugeot ta’ kulur griz fil-blu. Kien hemm persuna li ma ġietx prodotta bħala xhud f’din il-kawża li nfurmat lill-pulizija li s-sewwieq ta’ din il-vettura kien l-imputat. Fuq l-iskorta ta’ din l-informazzjoni l-pulzija marret id-dar ta’ l-imputat il-Marsa fejn il-gargae kien hemm vettura tal-marka Peugeot tal-kulur indikat li kellha l-ħġieġa tal-passiġġier imkissra.

Illi l-pulizija nterrogat lill-imputat li stqarr li veru kien fil-pjazz fil-ħin u fid-data ndikata iżda hu qal li hu kien ġie aggredit minn folla nies. Il-versjoni li ta hi li hu kien għadda fuq flixkun tal-ħġieġ li meta nkiser il-biċċiet tiegħu marru fuq in-nies. Konsgwenza ta’ dan hu safa aggredit.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ċar li l-imputat qatt ma jmissu kien fil-pjazza għaliex biex daħal ġol-pjazza għadda minn bejn il-‘barriers’ li kienu jindikaw li t-triq kienet magħluq għat-traffiku tal-vetturi. Jirrizulta wkoll li l-imputat saq il-vettura tiegħu kontra s-sinjal ta’ dħul ta’ triq partikolari. Jirrizulta li s-sewqan tiegħu kien perikoluż għal fatt li kien qed jaħrab min-nies. Skont l-imputat kienu qed iħebbu għalih u kief ġie deskritt is-sewqan tiegħu kien, bla dubju, perikoluż. Min-naħa l-oħra ma jirrizultax li hu saq bi speed eċċessiv.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li hu saq il-vettura tiegħu direttament għal fuq in-nies u min imkien ma jirrizulta li l-imputat qed il-ħajja ta’ ġemgħa ta’ nies f’perikolu ċar.

Illi mix-xhieda ta’ Paul Borg jirrizulta li hu qal daqqa ta’ ponn fl-inċident meritu ta’ din il-kawża. Huh xehed li hu

mar ikellem lis-sewwieq tal-Peugeot li min-naħa tiegħu tah daqqa ta' ponn. Hu xehed li qal id-daqqa ta' ponn b'ċurkett tad-deheb. Xehed ukoll li hu ma għarafx min tah id-daqqa ta' ponn. Ħaġa verament kurjuża! Illi l-imputat ikkonferma li dak in-nhar hu kien liebes żewġ ċrieket kbar tal-lira. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda dubju li l-imputat ta d-daqqa ta' ponn lil Paul Borg. Konsegwenza ta' din id-daqqa ta' ponn Paul Borg sofra feriti ta' natura ħafifa. Minbarra dan, ma jirrizultax li l-imputat qal kliem oxxen fil-pubbliku jew li hedded lil Paul Borg bil-kliem.

Illi ma nġabet ebda prova dwar ir-reċidiva ta' l-imputat.

Ghaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, tar-raba', tas-sitt, tat-tmien u tal-għaxar akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u il-L.S. 65.05 ta' l-istess Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, tordna s-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan ta' l-imputat għal perjodu ta' xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------